MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 141/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**KONTRA**

**SAHRABA SKANDER**
**HUSSEIN RAMADAN ABDULLAH**
**AVADI MOUDER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sahraba Skander ta’ 27 sena ta’ nazzjonalita’ Tunisija, iben Ahmed u Fatima, mwieled f’ Tunis, nhar it- 30 ta’ Gunju 1981, residenti fic- Centru tal- Akkomodazzjoni f’ ta’

Kandja u detentur tan- numru tal- Pulizija tal- immigrazzjoni 09B207;

Hussein Ramadan Abudallah ta’ 22 sena ta’ nazzjonalita’ Marokkina, iben Hussein u Fatima, mwieled Casablanca Marokk, nhar it- 28 ta’ Novembru 1986, residenti fic- Centru tal- akkomodazzjoni f’ ta’ Kandja u detentur tan- numru tal- Pulizija tal- immigrazzjoni 09C101

U

Avadi Madour ta’ 14 sena ta’ nazzjonalita’ Algerijna, iben Avadi Jack u Amina, mwieled Oran, nhar il- 11 ta’ Awissu 1994, residenti fic- Centru tal- akkomodazzjoni f’ ta’ Kandja u detentur tan- numru tal- Pulizija tal- imigrazzjoni 09C003

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli:

1) fil- 15 ta’ Frar 2009 u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il- Gzejjer, ghal habta’ ta 23.00 u hinijiet ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, meta kienu qed jigu mizmumha gewwa l- l- Accommodation Centre f’ Ta’ Kandja, bil- hsieb attentaw biex jikkommettu harba mill- post tal- kustodja, liema attentat ta’ harba kienet bil- hsieb li ssir bi ksur ta’ dan il- post tal- kustodja. Dan bi ksur tal- Artikoli 41 u 152 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) U aktar talli fil- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hasru u jew gharqu hwejjeg haddiehor u cioe’ materjal u kostruzzjoni ghad- dannu tal- korp tal- Pulizija u tal- Gvern ta’ Malta liema hsara ma teccedix il- 1164 Ewros (Lm500) izda aktar minn 116.47 Ewros (Lm50) u dan ai terminu tal- artikolu 325 (B) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) U lil Avadi Madour wahdu talli sar recidiv nhar id-29 ta’ Jannar 2009 b’sentenza tal- Qorti moghtija minn Dr. D. Clark LL.D.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati, irregistraw ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Rat in-nota ta’ kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament minn din il-Qorti;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq dan il-kaz ma tantx hemm x’titfixkel jew x’tghid. Ir-reat fih innifsu hu wiehed gravi hafna, partikolarment in vista tal-problema tal-immigrazzjoni illegali li dan il-pajjiz qieghed jiffaccja, u d-diffikultajiet kbar li l-Awtoritajiet lokali u l-forzi tal-Ordni qeghdin jiffaccjaw kuljum sabiex isibu forma ta’ kontroll ta’ din is-sitwazzjoni. L-imputati, ghal ragunijiet maghrufa minnhom biss, m’hux talli dahlu fil-pajjiz b’mod klandestin u rregolari, u sussegwentement ippruvaw jaharbu mid-detenzjoni hawnhekk, izda ppruvaw ukoll iharrbu persuni ohra bhalhom mizmuma hawn Malta f’detenzjoni. Il-Qorti tifhem u tissimpatizza li m’huwiex pjacevoli li tinzamm in detenzjoni, kif qed jinzammu l-imputati, izda qatt ma’ tista’ taccetta jew tiskuza lil min jippersisti f’agir kontra l-ligi ta’ pajjiz li, tajjeb jew hazin, qed jipprova jsib tarf tal-problema tal-immigrazzjoni irregolari. Il-Qorti trid taghti messagg car f’dan ir-rigward, u hija biss in vista tal-ammissjoni bikrija taghhom li mhumiex ser jinghataw il-piena fil-massimu taghha.

Kwantu ghall-imputat Avadi Madour, tfajjel minorenni ta' 14-il sena, il-Qorti rat li dan gia' gie kkundannat mill-Qrati u nghata sentenza sospiza ta' xahrejn prigunerija, ftit tal-jiem ilu biss, fid-29 ta' Jannar. Bhala konsegwenza ta' hekk, f'din il-kawza l-imputat giet attribwita lilu r-recidiva, haga li, fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm hemm ammissjoni ghaliha ukoll, ma tistax tirrisulta, izda tirrisulta li hu wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, li ggib maghha ghalhekk it-twettiq ta' dik l-istess sentenza. Il-Qorti ppruvat tifhem x'wassal ghal dan iz-zaghzugh li jwettaq reat iehor fi zmien ftit jiem. It-tragedja umana f'dan ir-rigward hi li meta l-Qorti tkellmet ma' dan iz-zaghzugh, hu stqarr li jippreferi li jmur il-habs milli jibqa' in detenzjoni, ghax kien qieghed ihossu wahdu ma' hafna rgiel ta' eta' hafna akbar minnu u ma kienx hemm kundizzjonijiet xierqa ghalih fid-detenzjoni. Ghalkemm il-Qorti m'hix a konoxxenza ta' kif jinzammu d-detenuti immigranti irregolari, huwa s-sens komun li jghid li zghazagh minorenni m'ghandhomx jinzammu in detenzjoni ma' persuni ohra ta' eta' hafna akbar minnhom. Il-Qorti theggeg lill-Awtoritajiet sabiex nuqqas bhal dan jigi indirizzat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 152 u 325(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundanna lil Sahraba Skander u lil Hussein Ramadan Abdullah terminu ta' sentejn prigunerija.

Lil Avadi Madour, peress illi huwa minorenni, tikkundannah ghal terminu ta' sena prigunerija;
Kif ukoll tordna li tidhol fis-sehh is-sentenza sospiza ta' xaharejn prigunerija skond sentenza datata 29 ta' Jannar 2009;

Ghalhekk b’kollox tikkundannah terminu ta’ sena u xaharejn prigunerija.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-imputat Avadi Madour, in vista tal-eta’ tieghu, skond il-ligi.

Tordna ukoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Ministeru responsabbli ghall-immigranti irregolari, sabiex, jekk ikun il-kaz, jittiehdu l-passi u l-mizuri necessarji biex minorenni ma jinzammux fl-istess lok ta’ detenzjoni ma’ persuni ta’ eta’ akbar minnhom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------